**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Osman Fayd Bekit**

**Illum 15 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Osman Fayd Bekit ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Osman Fayd u Fguret neè Mohammed, imwieled l-Eritreja nhar it-30 ta' Gunju 1993, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-numru 68059(A) u residenti gewwa indirizz mhux maghruf, talli nhar it-12 ta' Lulju 2019 gewwa l-istabiliment Izibet li jinsab fi Triq Sant' Anna, Floriana, u f'dawn il-gzejjer:-

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Jurgen Sammut u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema setntenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' Esperti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Rat id-dokumenti ipprezentati mill-Prosekuzzjoni: (a) Stqarrija ta' l-imputat - Dok. "A"; (b) Fedina penali ta' l-imputat - Dok. "B"; (c) Rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz - Dok. "C"; u (d) Fotokopja tal-permess ta' residenza ta' l-imputat - Dok. "D";

Rat li l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jirrikonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli nhar it-12 ta' Lulju 2019 gewwa l-istabiliment Izibet li jinsab fi Triq Sant' Anna, Floriana, u f'dawn il-gzejjer: (i) ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-detriment ta' Jurgen Sammut u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u li (ii) irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema setntenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-akkuzi hekk dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija u li ghandu fedina penali kwazi netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49, 50, 261, 267 u 279 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perijodu ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma irriżultax li kien hemm il-hatra ta' esperti relatati ma' dan il-kaz.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**